MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta ta' l-1 ta' Ottubru, 2003

Citazzjoni Numru. 219/2003

**Giselle Muscat f'isimha proprju u bhala kuratrici *ad litem* ta' wliedha minuri Daniel u Janice ahwa Muscat**

**vs**

**Edmond Muscat**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-partijiet izzewgu fl-24 ta' Dicembru 1988 u miz-zwieg taghhom kellhom zewgt itfal, Daniel, imwieled fl-ghoxrin (20) t'April 1990, u Janica, imwielda fl-erbatax (14) ta' Lulju 1992, kif jirrizulta waqt it-trattazzjoni.

Illi l-konvenut mhux qed jissoministra lill-istess attrici manteniment xieraq skond il-Ligi ghaliha u ghal uliedhom

minuri, skond kif inhu obbligat li jaghmel, u dana kif ukoll jirrizulta waqt it-trattazzjoni;

Illi l-istess attrici talbet lil din l-Onorabbli Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tistabbilixxi retta alimentarja ghaliha u ghal ulied minuri ahwa Muscat fuq imsemmija skond il-mezzi u kapacita' tal-konvenut ghax-xoghol u biex taghmel tajjeb ghall-bzonnijiet tal-familja skond il-Ligi;

2. Tikkundanna lill-istess konvenut sabiex ihallasha dik ir-retta hekk stabbilita b'dawk il-modalitajiet kollha, inkluz ordni lil min hu responsabbli ghall-hrug tas-salarju tieghu, sabiex ihallasha dik ir-retta direttament mill-paga tieghu.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-Mandat ta' Sekwestru mahrug fl-ismijiet "Giselle Muscat pro et noe vs Edmond Muscat", kontra l-konvenut ingunt minn issa stess in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 4 tal-process;

Rat id-digriet tat-2 t'April 2003 fejn l-attrici nghatat terminu ta' sittin (60) gurnata sabiex tipprezenta l-affidavits taghha.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut tat-12 ta' Mejju a fol. 11 fejn gie eccepit:-

1. Illi filwaqt li l-konvenut m'ghandu ebda oggezzjoni li jkompli jmantni lil uliedu minuri, kif fil-fatt huwa qed jaghmel, jikkontendi li huwa m'ghandux jigi kkundannat ihallas manteniment lill-attrici *stante* li hija tahdem u wkoll *stante* li hija ghandha assi bizzejjed sabiex tmantni lilha nfisha;

2. Illi kien hemm tbiddil fic-cirkostanzi tal-konvenut u dan anke wkoll b'konsegwenza tal-Mandat ta' Sekwestru numru 290/03 fl-ismijiet "Giselle Muscat vs Edmond

Muscat” fejn giet sekwestrata l-paga tieghu, kif ukoll peress li minhabba l-problemi familjari ta’ bejn il-kontendenti huwa qed jinkorri spejjez li precedentement kienu jkunu nkluzi fil-flus li l-konvenut kien jaghti lill-attrici sabiex ikunu gestiti minnha ghall-hlasijiet konnessi ma’ ikel u spejjez ohra konnessi mad-dar;

3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenut a fol. 12 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta tal-4 ta’ Gunju 2003 fejn Dr. Lorraine Schembri Orland ghall-attrici nfurmat lill-Qorti li kellha tipprezenta l-affidavit tal-attrici. Inghata digriet affidavit tal-konvenut b’terminu ta’ erbghin (40) gurnata. Il-Qorti nnominat lil Dr. Josette Demicoli bhala Assistent Gudizzjarju sabiex fil-mori tad-differiment izzomm erba’ seduti ghall-provi kollha tal-partijiet, wara liema l-provi tal-partijiet jigu dikjarati maghluqa.

Rat ir-rikors tal-konvenut datat 2 ta’ Lulju 2003 fejn talab li jigi revokat il-mandat ta’ sekwestru fuq il-paga tieghu u sabiex jigi ffissat manteniment *pendente lite* pagabbli minnu lill-attrici. Rat id-digriet ta’ din il-Qorti datat 3 ta’ Lulju 2003, u n-nota tal-konvenut datata 27 ta’ Awissu 2003.

Rat id-digriet tal-Qorti datat 29 ta’ Settembru 2003, fejn irrevokat *contrario imperio* d-digriet taghha tat-3 ta’ Lulju 2003, u astjeniet milli tiehu konjizzjoni aktar tal-istess rikors kemm minhabba l-ftehim milhuq fl-atti ta’ din il-kawza, kif ukoll in vista tal-verbal fl-atti tar-rikors fl-atti tal-Mandat ta’ Sekwestru Numru 219/2003/RCP fl-ismijiet “Giselle Muscat vs Edmod Muscat”, tali rikors datat 12 ta’ Mejju 2003, li gie rtirtat mill-rikorrenti odjerni fis-seduta tas-23 ta’ Settembru 2003, wara li l-attrici odjerna obbligat ruhha li tirtira l-istess Mandat ta’ Sekwestru premess.

Rat in-nota tal-konvenut datata 16 ta’ Lulju 2003 li permezz taghha esebixxa l-affidavits ta’ Aldo Muscat u Ernest Muscat.

Rat in-nota tal-attrici tas-17 ta' Lulju 2003 li permezz taghha esebiet l-affidavit taghha stess.

Rat il-verbali tas-16 ta' Settembru 2003; u tat-23 ta' Settembru 2003 fejn wara li l-attrici ddikjarat li qed tippretendi manteniment ta' mitejn u tletin lira Maltin (Lm230) fix-xahar mentri l-konvenut ippropona mija u hamsin lira Maltin (Lm150), il-partijiet waslu ghal ftehim li l-manteniment ghandu fil-fatt ikun ta' mitejn lira Maltin (Lm200) fix-xahar, liema ammont ghandu jitnaqqas direttament mill-paga tal-konvenut mill-impjieg tieghu mal-Water Services Corporation u jintbaghtu lill-attrici fir-residenza taghha. Il-konvenut obbliga ruhu li jhallas l-arretrati ta' manteniment, mentri min-naha taghha l-attrici obbligat ruhha li tirtira s-sewkestru fuq il-paga tieghu. Il-partijiet qablu wkoll li hadd minnhom m'ghandu jirtira xejn mill-flus li hemm fil-Bank H.S.B.C. u l-B.O.V. u li l-arretrati tal-manteniment ghandhom jitnaqqsu mill-paga tal-konvenut b'effett minn April 2003. Id-difensuri qablu li ghandha tinghata sentenza fuq dan il-ftehim milhuq bejn il-partijiet u ghalhekk il-kawza giet differita ghall-lum l-1 t'Ottubru 2003 ghas-sentenza.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

### (i) <u>PROVI PRODOTTI.</u>

Illi l-attrici **Giselle Muscat** tat ix-xhieda taghha permezz tal-procedura tal-affidavit fejn sostniet illi:-

*"Jien izzewwigt lil Edmond Muscat fl-24 ta' Dicembru 1988. Minn dan iz-zwieg kellna zewgt itfal, Daniel u Janika, li llum ghandhom tlettax-il sena u hdax-il sena rispettivament. Jien u Edmond ghadna nghixu taht saqaf wiehed, u m'ahniex separati legalment. Edmond kien itini Lm155 fix-xahar biex bihom immantni lilu stess, lili stess, u z-zewg uliedna. Mhux biss li kien jistenna li nixtri l-ikel u*

*x-xorb ta' kuljum, izda wkoll li minn dawn il-flus inhallas il-kontijiet tad-dawl, tal-ilma u tat-telefon. Barra minn hekk, jien suppost li b'dawk il-flus kelli wkoll nixtri hwejgi, u l-hwejjeg tat-tfal. Ninkorri wkoll spejjez medici ghat-tifel Daniel li huwa 'diabetic' u ghalkemm ikun hemm certu medicinali u 'treatments' li nohduhom sussidjati, ikolli bzonn nohrog spejjez ohra ghalih u jkun jixtieq ukoll jiehu xi ikel specjali li, izda jiswew il-flus. Ovvjament, Lm155 ma kenux iservuni biex naghmel dan kollu. Fil-fatt, kienu l-familjari tieghi li kienu jixtruli x'nilbes u anke ghat-tfal. Gieli anke kelli nissellef flus minghand ommi biex inkun nista' nhallas il-kontijiet ghax il-ftit ta' flus li kien itini Edmond ma kienux iservuni biex inhallas dawn ukoll. Anke bhala ikel u xorb, kien ikolli noqghod attenta hafna x'nixtri, u ma stajtx nixtri dak kollu li jhobbu jieklu t-tfal jekk ikun gholi wisq. Kien ikolli nikkalkula li nixtri bl-ezatt hemm nixbghu ghax kont issikkata wisq bil-flus. Anke bhala spejjez edukattivi tat-tfal, Edmond kien jistenna li jien inhallashom kollha minn dawn il-Lm155 li kien itini. Ghalkemm m'ghandix kontijiet ta' l-iskola xi nhallas ghax it-tfal imorru skola tal-gvern, pero' xorta wahda jkollhom hafna bzonnijiet bhal uniformijiet, kotba, flus ghal meta johorguhom ma' tal-iskola, ecc. Fil-fatt, lanqas qatt ma jkolli bizzejjed biex naghtihom xi 'pocket money' lit-tfal, u lanqas Edmond ma jtihom. Meta gieli jien u Edmond konna nohorgu bhala familja mat-tfal, Edmond kien joqghod attent li ma jonfoqx flus fuqi jew fuq it-tfal. Allura kien johodna go 'bar' fejn ikollhom l-'appetisers' b'xejn, biex jien u t-tfal niehdu l-'appetisers' waqt li hu jixtri 'drink' wara l-iehor u anke jispicca fis-sakra. Kien anke javza lit-tfal biex ma jitolbuh xejn.*

*Ghalkemm mieghi u mat-tfal, Edmond izomm lura hafna mill-flus, pero' ma jzommx lura milli jonfoq flus fuqu nnifsu. Per ezempju, hu jhobb imur il-kacca, u tghidx kemm jonfoq flus fuq dan il-'hobby'. Ghandu tliet senters, jixtri hafna skratac, idur hafna bil-vann bil-konsegwenza li jahli hafna 'diesel', ecc. Anke bhala hwejjeg, Edmond dejjem jixtri hwejjeg sbieh ghalih innifsu, waqt li jien u t-tfal qisna tallaba u dejjem lesti li naccettaw hwejjeg ta' haddiehor. Barra minn hekk, Edmond ihobb ix-xorb u anke min jahdem mieghu gieli qaluli kemm jixrob. Edmond ta' spiss*

*jieqaf f'xi 'bar' jixrob meta jkun fi triqtu lejn id-dar wara x-xoghol. Fil-fatt, wara kont sirt naf li meta Edmond kien jghidli li sejjer ix-xoghol fis-sebgha ta' fil-ghaxija, huwa fil-fatt kien jibda x-xoghol fis-siegha ta' fil-ghodu. Bejn is-sebgha u s-siegha ta' fil-ghodu, Edmond kien ikun hareg mal-habiba tieghu. Jien nissuspetta li Edmond anke jixtri rigali u jonfoq hafna flus fuq din il-habiba tieghu. Dana ghaliex mhux l-ewwel darba li sibt ircevuti tal-'Quikcash' fejnkien jidher li Edmond kien gibed xi Lm100, u ma nkunx naf x'ghamel bihom. Barra minn hekk, kien hemm okkazjoni meta jien kont iccekkjajt il-kont tal-bank fejn tidhol il-paga ta' Edmond u kont rajt li gurnata qabel il-'Valentine's Day' Edmond kien gibed Lm500. Lili zgur li ma xtralix rigal bihom, u lanqas lil uliedna!!*

*Lanqas qatt ma naf li Edmond xtara xi rigal tal-Milied jew tal-'birthday', la lili u lanqas lit-tfal. L-unika haga li xtara kienet li xi sena u nofs ilu, Edmond xtara 'mobile' lil Daniel ghax billi Daniel hu dijabetiku jkollu bzonn ta' 'mobile' ghal li jista' jinqalaghlu. Pero', anke ghax ta' darba xtara xi haga lit-tifel, jigifieri dan il-'mobile', Edmond kien pront u hadulu kif ezatt jien u hu sseparajna.*

*Niftakar li darba minnhom il-'video player', li hu proprjeta' tieghi parafernali, ma kienx qed jahdem sewwa u allura staqsejt lil Edmond biex jiehdu ghat-tiswija billi t-tfal kienu jhobbu jaraw xi 'video' 'l hawn u 'l hemm. Wara li ghaddew xi erba' xhur u l-'video player' kien ghadu ma giex lura d-dar, jien staqsejt lil Edmond x'kien gara. Huwa qalli li l-'video' ma kienx jissewwa u tal-hanut tah ghaxar liri (Lm10) tieghu biex juzah ghall-'ispare parts'. Jien kont mort niccekkja ghand dak il-hanut, u kienu qaluli li fil-fatt dak il-'video player' kien issewwa, u Edmond kien diga' hadu u hallas erbatax-il lira u hamsin centezmu (Lm14.50) ghat-tiswija tieghu. Fil-fatt anke ghandi l-ircevuta ta' dan. Dan il-'video player' mhux l-unika haga li Edmond qabad u ha mid-dar. Niftakar li darba kien anke qabad u ha xi 'choker' tad-deheb li kien qalaghha t-tifel fil-precett minghand in-nanna. Jien imbaghad kont sibt din ic-'choker' u ergajt hadtha minghand ir-ragel. Edmond kien anke qabad u hadli l-licenzja tal-karozza, u anke c-cavetta tal-karozza. Jien imbaghad kont mort l-Ghassa tal-Pulizija*

*tal-Fgura u ghamilt rapport dwar dan. Il-Pulizija kienu gieghlu lil Edmond biex itini lura l-licenzja u c-cavetta fi zmien qasir, u fil-fatt Edmond kien tahomli taht l-ordni tal-pulizija.*

*F'Awissu tas-sena li ghaddiet, jigifieri tas-sena 2002, Edmond talabni biex immur mieghu il-bank halli niffirmalu ghal xi 'loan' li hu ried jiehu biex inkunu nistghu nixtru vann. Jien iffirmajtlu ghal din il-'loan' minghand l-H.S.B.C. Pero', imbaghad jien inhsadt meta erbat ijiem wara li mort niffirmalu ghal din il-'loan', jien ircevejt ittra minghand Edmond li kien kiteb hu stess. F'din l-ittra, Edmond qalli li ma kienx ghadu jhobbni u li hu ried ighix hajja separata minn mieghi. Huwa anke qalli li t-tnejn li ahna ghandna nfittxu hajja felici separatament minn ma' xulxin. Issa sirt naf li f'dak iz-zmien li Edmond kien baghatli din l-ittra, huwa kien qieghed f'relazzjoni ma' mara ohra li ghadu maghha sal-gurnata ta' llum.*

*Jiena meta rcevejt din l-ittra, mort inkellem l-avukat u ftahtlu r-rikors tas-separazzjoni li ghadu ma giex appuntat ghas-smiegh. Kif Edmond rcieva xi karta minghand l-avukat tieghi, hu kien irrabja u minn dakinhar, jigifieri xi Ottubru tal-2002, Edmond ma baqax itini Lm155 fix-xahar kif kien qabel. Per ezempju, niftakar li f'Ottubru 2002 huwa taghni biss Lm20 – jien kont hadthom izda ghidtlu li ovvjament dawn ma kienux bizzejjed biex immantni lili nnifsi u t-tfal. Wara dak iz-zmien, ma niftakarx ezatt kemm beda jtini ghax mhux dejjem kien baqa' jtini l-istess. Per ezempju, ix-xahar ta' wara nahseb li kien tani xi Lm30 u gieli anke ma tani xejn. Niftakar li darba minnhom kelli t-tifel ma jiflahx u ma kellix minn fejn inhallas lit-tabib. Kont staqsejt lil Edmond biex itini flus ghat-tabib izda hu ma riedx itini, u dana ghalkemm ghal ibnu stess.*

*Jien ma stajtx nibqa' sejra b'din il-hajja, u ghalhekk fi Frar ta' din is-sena, ghamiltlu sekwestru fuq il-flus li Edmond ghandu fil-bank. Wara li ghamiltlu dan is-sekwestru, Edmond qabad u biegh il-vann li kien inxtara fiz-zwieg u li kien kollu mhallas, u zamm il-flus ghalih. Jien lanqas biss kont naf li Edmond kien biegh dan il-vann kieku mhux ghax rajtu ghand haddiehor.*

*Minn meta ghamilt is-sekwestru, Edmond ma tani ebda flus biex immantni lili nnifsi u lanqas lil uliedu stess. Ghalhekk, jien kelli napplika ghas-'social assistance'. Pero', dawn qed jibaghtu ghalija qisu kull tliet gimghat biex jaraw jekk inqatghatx id-decizjoni tal-Qorti fejn Edmond ikun ordnat li jhallasni manteniment. Tas-'social assistance' avzawni li jekk ma nircievi ebda manteniment ghalija nnifsi, jiena ma nikkwalifikax ghall-penzjoni tar-romol jekk jigi jmut Edmond.*

*Jien nixtieq nghid li ghalkemm Edmond dejjem zamm lili u lil uliedu neqsin minn hafna necessita' u kumditajiet minhabba li ma jtinix bizzejjed flus, pero' hu dejjem hadem xoghol 'full time' regolari u anke kellu 'part-time' regolari. Edmond kien u ghadu jahdem 'full time' ma' Water Services Corporation, u jollu hafna 'overtime' barra mill-paga bazika. Barra minn hekk, Edmond jahdem ukoll bhala 'part-time fisherman' fejn idur il-hwienet u xi 'restaurants' biex ibiegh il-hut. Naf li ghandu klijenti regolari f'dan il-'business' tal-hut. Dan ix-xoghol 'part-time' Edmond jaghmlu bi shab ma' huh li jismu Ernest Muscat. Barra minn hekk Edmond jaghmel xi xoghlijiet fejn iwahhlu d-dwal fit-toroq u f'postijiet ohra pubblici, fil-Milied u fil-festi tas-sajf u f'xi okkazjonijiet ohra fejn ikun hemm it-tizjin fit-toroq. Naf li anke ta' dan ix-xoghol Edmond jaqla' l-flus. Edmond anke jaghmel aktar flus minn fuq il-fniek; hu jrabbi l-fniek u jbieghhom lin-nies. Edmond anke jahdem l-ghalqa li hi proprjeta' tieghi parafernali, u jbiegh il-haxix lin-nies. Ghalhekk, naf li Edmond idahhal hafna flus li jzomm kollha ghalih, u li bihom ma jghinx lili u lil uliedu.*

*Nghid li jien qatt ma hdimt kemm ili li kont hrigt tqila b'Daniel, jigifieri ili ma nahdem xi erbatax-il sena. Lanqas nista' nahdem ghax ghandi zewgt itfal minuri li ghandhom bzonn lil ommhom id-dar. Barra minn hekk, peress li Daniel huwa dijabetiku, mhux l-ewwel darba li l-iskola jcempluli biex immur nigri ghalih malajr ghax ikun inbidillu kuluru, jew ghax ikun qed itih 'hypo'. Ghalhekk jien dejjem irrid inkun 'standby' biex jekk jibaghtu ghalija, immur ghalih minnufih. Anke meta t-tifel imur il-'youth*

*centre’ ghal xi siegha biss, inkun mohhni fih u ncempillu fuq il-‘mobile’ biex nara li hu qed ihossu tajjeb. Ovvjament, wiehed ma jistax ikun jahdem u joqghod jitlaq minn fuq xoghlu minghajr ‘warning’ kull meta jkun hemm il-bzonn. Edmond jaf biha din il-problema u jekk ghandu rispett ghal ibnu stess, imissu hu stess jghidli li m’ghandix nahdem biex inkun dejjem lesta ghat-tifel. Ghal dawn ir-ragunijiet, jien zgur li ma nistax nahdem.*

*Bhala assi, li ghandi hija porzjoni ndiviza ta’ ghalqa li hija parafernali. Din din ghalqa li missieri kellu porzjon ta’ wiehed minn hamsa* $(^1/_5)$ *minnha. Wara li miet missieri dan il-porzjon* $(^1/_5)$*, gie maqsum bejni u bejn hija. Ghalhekk din l-ghalqa ghandi sehem zghir hafna minnha u lanqas hi mibjugha, jigifieri jien ma rajt ebda flus minnha biex inkun nista’ nmantni lili nnifsi. Bara minn hekk ma tantx nahseb li tiswa flus kieku kelli niehu s-sehem tieghi, jigifieri nofs ta’* $(^1/_5)$*, billi din l-ghalqa qieghda miktuba li ghandha tintuza ghall-kacca u mhux ghal ‘development’. Jien din kulma ghandi bhala assi u zgur li mhux bizzejjed biex nghix fuqha.*

*Nixtieq nghid li l-avukat ta’ Edmond kien baghat ittra lill-avukat tieghi fejn wieghed li Edmond kien ser jibda jhallas minn flusu l-kontijiet tad-dawl u l-ilma, u tat-telefon. Wara kollox, Edmond ghadu jghix fl-istess dar mieghi u mat-tfal u allura l-kontijiet huma tieghu daqs kemm huma tieghi. Pero’, din il-wieghda ma zammhiex ghax sal-gurnata ta’ llum Edmond ghadu qatt ma hallas ebda kont. Fil-fatt, hemm hafna kontijiet li ghadhom ma thallsux ghax jiena m’ghandix minn fejn inhallashom ghalkemm nghid li sa Awissu ta’ 2002, jien kont inhallashom kollha l-kontijiet minn dawk il-mija u hamsa u hamsin lira (Lm155) li kien itini Edmond.*

*Barra minn hekk nixtieq inzid li kemm ilna b’dawn il-problemi ta’ separazzjoni minhabba li Edmond qieghed f’relazzjoni ma’ mara ohra, jien mhux biss m’ghandi ebda ghajnuna finanzjarja minghandu izda wkoll zdieduli l-ispejjez ta’ l-avukat u tal-Qorti. Mhux biss, izda jien barra l-ispejjez normali ta’ kuljum li jkollu kulhadd, ghandi wkoll spejjez medici ta’ Daniel. Per ezempju, Daniel ghandu*

*bzonn ta' xi 'strips' li jintuzaw biex niccekkjaw il-livell taz-zokkor tieghu, u ghalkemm l-isptar ituni dawn minghajr hlas ghax ghandi l-karta r-roza, dawn mhux dejjem iservuni u ta' spiss jigri li jien ikolli nixtri aktar minn dawn l-'istrips'. Daniel anke ghandu bzonn ta' xi 'injections'. Ghalkemm l-isptar ituni ghaxra minn dawn l-'injections' fix-xahar bla hlas, pero' spiss hafna dawn ma jkunux bizzejjed biex ilahhqu mal-bzonnijiet ta' Daniel u ghalhekk anke minn dawn spiss tigri li jkolli nixtri minnhom. Barra minn hekk, Daniel ghandu bzonn ta' xi 'creams' medici ghal saqajh. Ghalkemm it-tabib kitibli li stajt nehodhom mill-isptar, pero' l-isptar m'ghandhomx id-doza qawwija li ghandu bzonn Daniel u allura jkolli nixtrihomlu jien ukoll. Meta jien gieli tlabt lil Edmond biex jghini xi medicini ghal Daniel, hu kien jghidli li kien lest imur jixtrihom basta li jien intih il-flus!!!"*

Illi bhala xhieda l-konvenut ipprezenta x-xhieda bl-affidavit ta' **Aldo Muscat** u **Ernest Muscat**.

### (ii) <u>FTEHIM BEJN IL-PARTIJIET.</u>

Illi din hija kawza fejn l-attrici qed titlob manteniment ghaliha u ghall-minuri Daniel u Janica, u fis-seduta tat-23 ta' Settembru 2003 il-partijiet waslu ghall-ftehim li l-manteniment attrici u ghal uliedha ghandu fil-fatt ikun ta' mitejn lira Maltin (Lm200) fix-xahar, liema ammont ghandu jitnaqqas direttament mill-paga tal-konvenut mill-impjieg tieghu mal-Water Services Corporation u jintbaghtu lill-attrici fir-residenza taghha. Il-konvenut obbliga ruhu li jhallas l-arretrati ta' manteniment, mentri min-naha taghha l-attrici obbligat ruhha li tirtira s-sewkestru fuq il-paga tieghu. Il-partijiet qablu wkoll li hadd minnhom m'ghandu jirtira xejn mill-flus li hemm fil-Bank H.S.B.C. u l-B.O.V. u li l-arretrati tal-manteniment ghandhom jitnaqqsu mill-paga tal-konvenut b'effett minn April 2003.

## <u>III. KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt fil-waqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-

konvenut u abbazi tal-ftehim milhuq bejn il-partijiet fis-seduta tat-23 ta' Settembru 2003, **tilqa' t-talbiet attrici** b'dan illi:-

1. Tistabbilixxi retta alimentarja ghaliha u ghal ulied minuri ahwa Muscat fuq imsemmija skond il-mezzi u kapacita' tal-konvenut ghax-xoghol u biex taghmel tajjeb ghall-bzonnijiet tal-familja skond il-Ligi u dan fl-ammont ta' mitejn lira Maltija (Lm200) fix-xahar.

2. Tikkundanna lill-istess konvenut sabiex ihallas lill-attrici ghaliha u ghal uliedha minuri s-somma ta' mitejn lira Maltija (Lm200) fix-xahar, b'dan li l-istess konvenut ghandu jhallas lill-attrici l-arretrati kollha ta' manteniment fl-istess rata minnu dovuti b'effett minn Frar 2003, u wkoll li b'effett minn April 2003 tali rata ta' manteniment ghandha titnaqqas direttament mill-paga tal-konvenut mal-Water Services Corporation, u tinbaghat direttament lill-attrici fir-residenza, u ghal dan l-iskop tordna lill-*employer* tal-konvenut u l-Awtorita' kompetenti li tohrog il-paga tal-konvenut, sabiex jnaqqsu l-istess ammont mill-paga tal-konvenut u jibghatu l-istess rata ta' manteniment lill-attrici fir-residenza taghha, u ghal dan l-iskop tordna lill-attrici sabiex tohrog in-notifiki relattivi ta' kopja legali ta' din is-sentenza a spejjez taghha lill-istess awtoritajiet u entitajiet.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-Mandat ta' Sekwestru mahrug fl-ismijiet "Giselle Muscat pro et noe vs Edmond Muscat", jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------